# Il-Kelma ta' l-Arċipriet...

## *Sena parrokkjali għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ (43)*

Oratorju vokali-strumentali l-ġmiel tiegħu, ad unur ta' San Ġużepp, uniku għall-Gżira tagħna, imtella' b'ħila kbira mill-Għaqda mużikali tagħna 'Ite ad Joseph'. Ġieħ għall-Banda innifisha, għall-parroċċa u għal raħalna. L-apprezzament tiegħi u ta' kull min kien preżenti, għas-Surmast direttur Antoine Mercieca li mhux biss wera' kapaċita' liema bħalha biex jidderiġih imma wkoll u fuq kollox biex jikkomponih... u mhux fi zmien daqstant twil! Prosit tassew lis-solisti, fosthom is-sopran tagħna Ruth Portelli u lill-bandisti kollha, lil kull min ta sehemu forsi f'ħidma moħbija u siekta għal bosta ġimgħat u anki xhur, ta' din il-**lejla memorabbli** li tibqa' mhux biss miktuba fl-istorja tal-parroċċa tagħna, imma wkoll f'qalbna u fuq fommna.

*Dun Joe Zammit*





**ĦOLQA MA' L-EMIGRANTI**

Flimkien ma' ħuti s-saċerdoti nixtieq **il-Festa t-tajba** lill-parruċċani Qalin kollha speċjalment lill-morda u lill-persuni u familji li din ser tkun l-ewwel festa għalihom fejn hemm xi ħadd mill-membri għeżież nieqes. Kif ukoll lilkom għeżież emigranti li tant tkunu tixtiequ tkunu magħna fil-Festa.

---

**"Aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina"**

*(Mt 6:12) (Awwissu 1)*

Inkomplu **l-Adorazzjoni tal-Ħamis** matul is-sajf. Hemm nistgħu nisimgħu lil Ġesu' jgħallima. Hemm nistgħu niddeċiedu li nagħmlu kulma jgħidilna Hu fil-fond ta' qalbna, speċjalment fejn tidħol il-maħfra, it-termometru ta' kemm wieħed hu nisrani jew le.

---

***A message to our foreign friends***

May **our patron Saint Joseph** bless your families and keep them in his custody as he looked after the blessed Virgin Mary, his wife, and his loving Son, Jesus.

---

**Jista' jinteressak...**

- It-Tnejn fis-7.00pm infakkru l-40 sena minn meta **l-Kwadru Titulari** ta' San Ġużepp ġie **nkurunat**, b'quddiesa sollenni mmexxija mis-saċerdot novell tal-parroċċa tagħna Dun Krystof Buttigieg.
- Is-Sibt **Adorazzjoni** fis-Santwarju tal-Kunċizzjoni.
- Il-Ħadd fl-Isptar Ġenerali possibilta' ta' **għoti tad-demm** mit-8.30am sas-1.00pm. Tinsewx il-Karta ta' l-Identita'.
- **L-Għada tal-Festa:** Ħafna nies ilhom jarmaw u jistinkaw ġimgħat sħaħ biex fil-Knisja, fil-Pjazza u fit-toroq ikun kollox armat. Issa rridu niġbru kollox bil-galbu biex ma ssirx ħsara. L-għada tal-Festa minn filgħodu nagħmlu sforz biex jinġabar l-armar mit-toroq u mill-pjazza. Kull min jista', jagħti daqqa t'id.
- **L-aħħar ġabra** tal-Kumitat tan-nar laħqet is-somma sabiħa ta' €2120. In-numri rebbieħa fil-*High Tea* tan-Nar tal-festa kienu 5 u 40.
- **Donazzjonijiet:** €255 għall-knisja; €185 mill-*High Tea* tar-Radio; €100 mit-tombla ta' Loreta Vella; €187 mill-ġabra fil-ħruġ tal-istatwa; €38 għaż-żejt; €20 għar-Radju; €20 għal San Ġużepp; €10 għal *Salus Infirmorum*; €20 għall-Kunċizzjoni; €295 għas-Seminarju, miġbura fil-*Prima Messa* ta' Fr Krystof. Grazzi.